

# Id-debutt konċertistiku tal-Banda tagħna

**Kitba tal-President Emeritu Dr Ugo Mifsud Bonnici**



GIARDINI ARGOTTI

Domenica 31 Ottobre 1926

GRANDE DEBUTTO

CONCERTISTICO

DELLA FILARMONICA

SAN GIORGIO

DI COSPICUA

(FONDATA NELL' ANNO 1862)

MAESTRO DIRETTORE

PROF. ANT. POLENTO

MEMBRO DELLA R. ACCADEMIA DI BOLOGNA

CAVALIERE DELLA CORONA D'ITALIA

Fost il-karti ta' missieri sibt fuljett li huwa ta' interess għall-istorja tal-Banda San Ġorġ ta' Bormla. Missieri miet meta kellu wieħed u ħamsin sena u ma laħaqx ordna ħafna mid-dokumenti li ġabar matul il-ħajja pubblika tiegħu, qasira iżda mimlija sew. Issa li rtirajt, qiegħed nipprova ndur u nikkataloga, kemm il-karti ta' missieri, kif ukoll tiegħi. Kultant mill-karti ta' missieri joħorġu ħwejjeġ li qatt ma kont naf bihom. Fosthom dan tal-lum.

Dan il-fuljett jgħid illi nhar il-Ħadd 24 ta' Ottubru 1926, disgħin sena ilu, il-Banda Filarmonika San Ġorġ ta' Bormla kienet ser tagħmel debutt konċertistiku fit-Teatru Rjal taħt il-patroċinju tal-Gvernatur Sir Walter Norris Congreve V.C., K.C.B., M.V.O. u taħt id-direzzjoni tal-Professur Antonio Polito fl-4.00 ta' wara nofsinhar. Il-fuljett juri ritratt tal-Maestro Antonio Polito u jinfurmana illi l-Banda kienet komposta minn ħamsa u sebgħin element. Il-fuljett jinforma wkoll illi l-banda kellha strumenti moderni tad-ditta *Maino ed Orsi* ta' Milan.

Il-Ħadd waranofsinhar it-Teatru Rjal kien aktarx iħallih għall-opri, għaliex in-nies ta' barra l-Belt Valletta kienu jsibuha bi kbira jmorru t-teatru matul il-ġimgħa filgħaxija billi ma kienx hawn trasport pubbliku għal wara li jispiċċaw l-opri, aktarx wara nofs il-lejl, meta jkunu bdew għall-ħabta tat-tmienja. Dan id-debutt konċertistiku għalhekk ħa post ta' xi rappreżentazzjoni ta' opra. It-teatru Rjal kien l-iktar post prestiġjuż biex banda turi l-kapaċità fl-eżekuzzjoni.

Ta' min ifakkar illi l-Gvernatur Congreve (1862 –1927) kien Ġeneral u eroj tal-gwerra kontra l-Boeri, kif ukoll tal-Ewwel Gwerra Mondjali (1914-18) u kien irċieva l-*Victoria Cross*. Meta ġie Malta bħala Gvernatur fl-1924, rabat qalbu magħna, u ħalla warajh fit-testment ix-xewqa li jindifen fil-baħar bejn il-Qrendi u Filfla, kif effettivament indifen. Huwa u martu Celia kienu persuni raffinati, kolti u kienu jiktbu l-poeżija. Ma tantx kellna Gvernaturi bħalu.

Il-programm kien ambizzjuż. Kellhom idoqqu l-*overture* tal-'Egmont' tal-kompożitur klassiku Ludvig Van Beethoven, il-Preludju tal-opra 'Parsifal' ta' Richard Wagner, u




Fantasia mill-opra ta' Ponchielli 'La Gioconda'. Id-direttur tal-Banda ppreżenta wkoll tliet kompożizzjonijiet oriġinali tiegħu.

Il-fuljett juri wkoll kif kien magħmul il-Kumitat dak iż-żmien, u min kienu d-deputati tal-bandisti fi ħdan il-Kumitat. President kien hemm Dr Serafino Vella, waqt li Viċi-President kien hemm missieri, li kien fil-Parlament u li kien għadu kemm, f'April ta' dik is-sena, inħatar Ministru tat-Teżor. Segretarju kien is-Sur Antonio Scicluna u Kaxxier is-Sur Giovanni Vassallo. L-ismijiet tal-membri tal-kumitat u tad-deputati tal-bandisti baqgħu magħrufa. Xi wħud minnhom ilħaqthom Bormla wara t-Tieni Gwerra.




Ta' min jgħid xi ħaġa fuq Dr Serafino Vella. Dana kien jiġi ħu l-pittur imsemmi Ġanni Vella, it-tnejn minn Bormla. Dr Serafino Vella kien kriminalista brillanti u ddefenda b'suċċess f'ħafna ġurijiet ta' importanza, fosthom wieħed dwar qtil ta' apprendista fit-Tarzna. Kien ukoll oratur u mfittex biex jagħmel diskors f'okkażjonijiet importanti. F'ċertu mument offrewlu li jsir maġistrat u nterrompa l-karriera bħala avukat fl-Awla Kriminali. Jiena għadni niftakru meta kien xjieħ u rtira minn kull attività. Ir-ritratt tiegħu għadu mdendel f'waħda mis-swali tal-Każin. In-nies tal-ġenerazzjoni ta' qabli li kienu jafuh u

semgħuh kienu jgħidu li kienet ħasra li bil-ħatra fil-maġistratura qata' ħesrem karriera tipprometti ħafna. Missieri ssuċċedih kemm bħala President tal-Każin kif ukoll fl-Awla Kriminali.

Fl-ispirtu propriju tal-Bormliżi, il-Kumitat ma ħassx li kien biżżejjed tmur it-Teatru Rjal, u għalhekk ġimgħa wara, il-Ħadd 31 ta' Ottubru 1926, offrew l-istess kunċert għal kulħadd fil-Ġonna tal-Argotti. Għal din l-okkażjoni wkoll ġew stampati kartolini bħalma hawn riprodotti.

Is-Surmast Polento nġieb mill-Italja propriju biex il-Banda tkompli tirfina. Fil-kompetizzjoni akkanita li kien hawn bejn il-baned, kienu jġibu xi surmast barrani biex jgħolli l-kwalità ta' eżekuzzjoni għal-livelli internazzjonali. Banda tal-Birgu kienet ġiebet Malta lill-Maestro Carl Maria Artz. Maestro Polento kien magħruf għal kemm kien attent u fitt fl-eżekuzzjoni u fl-Italja kien maħtur eżaminatur tal-Istat fuq il-mużiċisti.


Comitato di Direzione

Presidente
Dr. Serafino Vella LL.D.

Vice Presidente
Onorevole Dr. Carmelo Mifsud Bonnici

Segretario
Sigr. Antonio Scicluna

Cassiere
Sigr. Giovanni F. Vassallo

Deputati
Sigr. Giuseppe Barbara
" Carmelo Cutajar
" Arturo Fenech
" James Griffiths
" Assuero Scicluna

Deputati Filarmonici
Sigr. Emmanuele Busuttil
" Carmelo Delorenzo
" Giuseppe Ellul
" Carmelo Gasciulli
" Felice Stivala
" Raffaele Vassallo


Marguerite
Salon de la Beautè

Beauty treatments by
**Margaret Bonnici** (C.I.B.T.A.C.)
*Beautician, Electrolysist & Body Therapist*

*The unique Beauty Parlour in Cospicua*
*Offering a range of beauty treatments:*
*Exclusive Facials • Classic Facials • Electrolysis*
*Waxing • Eyebrow Shaping & Tinting • Manicure & Pedicure*
*Massage • Algae Treatments*

Exclusive relaxing massage using stone therapy

For free professional advice contact Margaret at Marguerite,
16, St. Theresa Street, Cospicua    Mob: 7965 5544